MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 222/2009

**A.M.J. Investments Limited (C 8021)**

**Vs**

**TIP TOP Ltd. (C 3947)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà attrici fis-17 ta' Gunju 2009, permezz ta' liema titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hamest elef tliet mija u hames Euro u tlieta u hamsin centezmu (€5,305.53) dovuta in kwantu ghal tlett elef mitejn u tmien Euro u hamsa u tmenin centezmu (€3,208.85) bhala prezz ta' merkanzija konsistenti f'numru ta' "weight lifting belts" u "gloves" li gew ikkonsenjati lis-socjetà konvenuta fl-14 ta' Marzu 2001 u fil-5 ta' April 2001 fuq ordni tas-socjetà konvenuta stess, u dana kif jirrizulta mill-invoices annessi ma' l-Avviz u mmarkati bhala Dok.A u Dok.B, u r-rimanenti elfejn u sitta u disghin Euro u tmienja u sittin centezmu

(€2,096.68) bhala imghax legali ikkalkulat mid-dati tal-konsenja sal-31 ta’ Mejju 2009 skond prospett anness bhala Dok.C, b’riserva ghall-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 29 ta’ April 2003 u 24 ta’ April 2008, li ggib in-numru 1728/08, u bl-imghax legali mill-1 ta’ Gunju 2009 sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta ipprezentata fit-30 ta’ Gunju 2009 permezz ta’ liema tecepixxi illi: (i) preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ma ghandha taghti xejn lis-socjetà attrici; (ii) illi subbordanatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, hi qatt ma xtrat il-merkanzija ndikata mis-socjetà attrici hlief ghal dik indikata fl-invoice numru 148 esebita mis-socjeta attrici bhala dok A.; (iii) illi subbordanatament u bla preguddizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet is-socjeta attrici ghandha thallasha s-somma kumplessiva ta' tlett elef u erba u sittin Euro (€3,064), oltre' l-imghaxijiet legali, skond sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u kwalsiazi ammont kemm l-darba jirrizulta dovut huwa pacut ma' ammont ekwivalenti dovut mis-socjeta attrici fil-konfront taghha.

Rat id-dokumenti markati Dok. “A”, Dok. “B” u Dok. “C” annessi ma’ l-Avviz a fol. 2 sa’ 4 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici markati bhala Dok. “C” sa’ Dok. “H” a fol. 21 sa’ 31 tal-process, rat l-affidavit ta’ Michael Fenech markat bhala Dok. “MF” a fol. 33 u 34 tal-process u l-affidavit ta’ Jeffrey Fenech markat bhala Dok. “JF” a fol. 35 tal-process;

Rat in-Nota pprezentata mis-socjetà konvenuta fid-29 ta’ Dicembru 2010 permezz ta’ liema rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat in-Nota guramentata pprezentata mis-socjetà konvenuta fl-4 ta’ Lulju 2011 permezz ta’ liema ammettiet ghat-talbiet attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hamest elef tliet mija u hames Euro u tlieta u hamsin centezmu (€5,305.53) dovuta in kwantu ghal tlett elef mitejn u tmien Euro u hamsa u tmenin centezmu (€3,208.85) bhala prezz ta' merkanzija konsistenti f'numru ta' "weight lifting belts" u "gloves" li gew ikkonsenjati lis-socjetà konvenuta fl-14 ta' Marzu 2001 u fil-5 ta' April 2001 fuq ordni tas-socjetà konvenuta stess, u dana kif jirrizulta mill-invoices annessi ma' l-Avviz u mmarkati bhala Dok.A u Dok.B, u r-rimanenti elfejn u sitta u disghin Euro u tmienja u sittin centezmu (€2,096.68) bhala imghax legali ikkalkulat mid-dati tal-konsenja sal-31 ta' Mejju 2009 skond prospett anness bhala Dok.C, b'riserva ghall-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 29 ta' April 2003 u 24 ta' April 2008, li ggib in-numru 1728/08, u bl-imghax legali mill-1 ta' Gunju 2009 sad-data tal-hlas effettiv.

B'Nota guramentata pprezentata fl-4 ta' Lulju 2011 is-socjetà konvenuta, tramite r-rapprezentant taghha Joseph Xeureb, ammettiet it-talbiet attrici.

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni ghalhekk il-Qorti tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamest elef tliet mija u hames Euro u tlieta u hamsin centezmu (€5,305.53), bl-imghax legali ulterjuri fuq is-somma ta' €3,208.85 dekoribbli mill-1 ta' Gunju 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 29 t'April 2003 u 24 t'April 2008, li ggib in-numru 1728/08, jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------